

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/146/KE

tas-26 ta' Novembru 2009

li tikkoreġi d-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/125/KE li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi aluminium phosphide, calcium phosphide, magnesium phosphide, cymoxanil, dodemorph, 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, metamitron, sulcotrione, tebuconazole u triadimenol bħala sustanzi attivi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/125/KE⁽²⁾ fiha żbalji terminoloġiċi fir-rigward tal-użi li jistgħu jiġu awtorizzati għall-aluminium phosphide, il-calcium phosphide u l-magnesium phosphide. Dawn l-iżbalji jridu jiġu kkoreġuti.
- (2) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 2008/125/KE hu kkoreġut kif ġej:

- (1) F'parti A tas-seba' kolonna (dispożizzjonijiet speċifiċi) tar-ringiela Nru 266 (aluminium phosphide) l-ewwel u t-tieni sentenza huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala insettiċida, rodentiċida, talpicida jew leporicida fil-forma ta' prodotti lesti għall-użu li fihom aluminium phosphide.

Għall-użu bħala rodentiċida, talpicida jew leporicida l-użi ta' barra biss jistgħu jiġu awtorizzati."

- (2) F'parti A tas-seba' kolonna (dispożizzjonijiet speċifiċi) tar-ringiela Nru 267 (calcium phosphide) l-ewwel u t-tieni sentenza huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala rodentiċida u talpicida fil-forma ta' prodotti lesti għall-użu li fihom calcium phosphide."

- (3) F'parti A tas-seba' kolonna (dispożizzjonijiet speċifiċi) tar-ringiela Nru 268 (magnesium phosphide) l-ewwel u t-tieni sentenza huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala insettiċida, rodentiċida, talpicida jew leporicida fil-forma ta' prodotti lesti għall-użu li fihom magnesium phosphide.

Għall-użu bħala rodentiċida, talpicida jew leporicida l-użi ta' barra biss jistgħu jiġu awtorizzati."

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2010 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Marzu 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

(²) ĠU L 344, 20.12.2008, p. 78.